MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 412/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Grech talli:

(1) Gewwa Bormla fid-19 ta' Dicembru 2004 ghall-habta tas-2.30 p.m. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Clyde Muscat f'periklu car hebb ghall-istess Clyde Muscat u kkagunalu griehi ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr. Anton Bugeja M.D. Med. Reg. 2466 mic-Centru tas-Sahha ta' Paola;

(2) Fl-istess cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara fuq vettura Toyota Corolla KBE 493 ghad detriment ta' Clyde Muscat;

(3) Fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' Clyde Muscat u tal-familja tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Dicembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi David Grech hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 17(h), 214, 216(1)(b), 217, 230, 232(a), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal piena ta' tmien (8) xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi David Grech pprezentat fit-18 ta' Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni skorretta tal-ligi u apprezzament skorrett tal-provi meta sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni bil-kwalifika ta' l-artikolu 217 peress illi ebda tip ta' arma regolari jew li taqta' jew tniggez ma giet uzata f'dan il-kaz; (2) L-ewwel Qorti erronejament sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni fid-decide peress illi d-decide ma jirriflettix il-motivazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti u ghalhekk kellu jigi deciz li l-offiz volontarja kienet skuzabbli ghax ipprovokat minn delitt kontra l-persuna; (3) Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, ma setax jinstab

hati ta’ l-ewwel imputazzjoni ghaliex mill-provi prodotti ma rrizultax illi l-griehi li gew ikkagunati kienu ta’ natura gravi; (4) Ma kellux jinstab hati tat-tieni imputazzjoni peress illi anke jekk wiehed kellu jistrieh fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti leza, ma tirrizultax il-volontarjeta` da parti ta’ l-appellant biex jaghmel hsara. Minghajr pregudizzju, pero`, l-ewwel Qorti semmai kellha tiddikjarah hati ta’ hsara volontarja skuzabbli minhabba li rreagixxa ghal provokazzjoni ngusta; (5) Id-dikjarazzjoni ta’ htija mill-ewwel Qorti hi wahda *unsafe and unsatisfactory* ghax bazata fuq apprezzament mhux ragjonevoli tal-provi prodotti. Huwa agixxa fil-bzonn attwali tad-difiza legittima jew alternattivament u minghajr pregudizzju ecceda l-limiti tal-bzonn minhabba li nhasad, beza’ jew twerwer. Ghall-istess ragunijiet ma setax jigi ritenut responsabbli ghat-tielet imputazzjoni; (6) Il-piena hi gravuza.

L-aggravji kollha ta’ l-appellant, hlief is-sitt aggravju, bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-**

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** imbaghad naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking**

---

**Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex issibu hati ta' l-ewwel imputazzjoni bil-kwalifika ta' l-artikolu 217 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` li l-offiza giet maghmula b'arma regolari inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, u dan peress illi ghalkemm jirrizulta li giet maghmula offiza fuq Clyde Muscat bl-uzu ta' arkett, dan l-arkett ma kien fih ebda sega.

Issa, l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet li *"m'ghandhiex dubju li ntuza l-arkett li ghandu sega maghmula biex taqta' u ghalhekk ghall-finijiet ta' l-artikolu 217 tal-Kap. 9 l-arkett ghandu jitqies bhala strument li jaqta'."* Din il-Qorti ezaminat il-kontenut tad-Dok. SZ1, u cioe` l-arkett in kwistjoni, esebit minn P.S. 1262 Spiridione Zammit quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2005, u huwa evidenti li l-imsemmi arkett ma fih l-ebda sega, kif korrettement qal l-appellant. L-anqas Clyde Muscat, il-parti leza f'dawn il-proceduri, ma jallega li l-arkett kien fih is-sega. Difatti meta xehed quddiem l-ewwel

Qorti qal li l-appellant tah "daqqa ta' hadida". Konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi milqugh.

Skond it-tieni aggravju tieghu l-appellant jghid illi d-decide fis-sentenza appellata ma ssegwix il-motivazzjonijiet fl-istess sentenza. Jghid illi filwaqt illi l-ewwel Qorti qalet li l-appellant kellu jigi misjub hati li kkaguna offiza ta' natura gravi volontarja skuzabbli ghax ipprovokata minn delitt ta' kull xorta kontra l-persuna, meta giet biex taghti d-decide hija ddikjaratu hati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, u cioe` ta' offiza gravi mhux skuzabbli. Dan ma setax ma halliex *impetus* fuq il-piena erogata.

Kif tajjeb jghid l-appellant, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet illi kienet "ser tapplika l-artikolu 230(c) u 232(a) tal-Kap. 9". Meta mbaghad waslet biex tiddikjara l-htija, wara li rreferiet ghall-artikoli applikabbli – fosthom l-artikoli 230 u 232(a) tal-Kap. 9 – qalet li kienet qed "issib lill-imputat hati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu b'dan pero` li t-tieni u t-tielet imputazzjoni jitqiesu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni". Galadarba l-ewwel Qorti kienet iddecidiet li sejra tapplika l-artikoli 230(c) u 232(a), kellha tindika wkoll fid-decide li kienet qed issib lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta "izda skuzabbli ghax ipprovokat minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna".

Ghalhekk it-tieni aggravju hu gustifikat.

It-tielet aggravju ta' l-appellant tirrigwarda s-sejbien ta' htija ta' l-appellant li kkaguna offizi ta' natura gravi fuq Clyde Muscat. Jirreferi ghax-xiehda ta' Dr. Anton Bugeja li qal li l-offizi kienu ta' natura hafifa mil-lat mediku. Qal li setghu jigu klassifikati bhala gravi biss kieku hallew marka, pero` mill-provi prodotti ma rrizulta minn imkien li tali offizi hallew xi marka jew sinjal. Il-prosekuzzjoni l-anqas ma talbet li jigi mahtur espert mediko-legali ghal dan il-ghan u ghalhekk se mai l-appellant kellu jigi misjub hati biss talli kkaguna offiza ta' natura hafifa skuzabbli jew gustifikata.
Issa, sabiex tigi ppruvata offiza gravi, ma hemmx bzonn necessarjament ix-xiehda ta' tabib. Din il-Qorti

diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

**"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti osservat li l-offizi li jidhru fic-certifikat mediku (Dok. AB a fol. 13) ghandhom jitqiesu bhala offizi ta' natura gravi a tenur ta' l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, u cioe` offizi li gabu sfregju fil-wicc. Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tara hi stess lil Clyde Muscat fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2007 u setghet tosserva li ghadhom jidhru marki zghar li jidhru mill-vicin. L-istess Clyde Muscat fil-fatt osserva: *"Ma tantx jidhru".* Ciononostante, dawn il-marki xorta jikkostitwixxu sfregju a tenur tal-ligi. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Camilleri** deciz fil-15 ta' Gunju 2001, intqal:

**"Skond kif jiddisponi l-Artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, galadarba jirrizulta li hemm ferita fil-wicc, tali ferita ghandha titqies bhala gravi w dan irrispettivament minn jekk dik hiex ta' natura permanenti jew le. Ic-cirkostanza tal-permanenza o meno ta' dik il-ferita fil-wicc tittiehed in kunsiderazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk dik l-offiza**

**kinitx gravi ai termini ta' l-Artikolu 216 biss, jew kinitx gravissima ai termini ta' l-Artikolu 218."**

Ghalhekk it-tielet aggravju qieghed jigi michud.

Ir-raba' aggravju jirrigwarda t-tieni imputazzjoni. L-appellant isostni illi ma setax jigi misjub hati ta' din l-imputazzjoni peress illi ma tirrizultax il-volontarjeta` izda se mai l-involontarjeta` fil-kors tal-paniku ta' l-incident meta l-appellant fetah il-bieba tieghu biex johrog mill-vettura tieghu u laqat il-vettura ta' Clyde Muscat. Dan ghalkemm l-appellant xorta jsostni illi hu mankanti l-element soggettiv tar-reat u minghajr pregudizzju ghall-fatt illi, skond l-appellant, il-fatti vera tal-kaz huma dawk esposti minnu u mhux mill-imsemmi Muscat. Inoltre, minghajr pregudizzju ghal dawn is-sottomissjonijiet, l-appellant jghid illi s-sejbien ta' htija ghat-tieni imputazzjoni kellha tkun skuzabbli skond il-proviso ta' l-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda ta' l-appellant u dik ta' Clyde Muscat u hemm konflitt evidenti fil-verzjonijiet li taw. L-appellant jghid li kien Clyde Muscat li fetahlu l-bieba biex dahal ihebb ghalih fil-karozza filwaqt illi Clyde Muscat jghid illi kien l-appellant innifsu li fetah il-bieba u b'hekk laqat il-karozza ta' Muscat.

Ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, **"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"**[3].

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Dwar it-tieni imputazzjoni l-ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza taghha: *“Il-Qorti ssib ix-xiehda moghtija minn Clyde Muscat bhala aktar attendibbli wkoll dwar il-hsara li sehhet lill-karozza Toyota Corolla KBF-493 liema hsara tammonta ghal Lm88.50 (artikolu 325(1)(b)) u dan ghax kien konvincenti fix-xiehda tieghu u wkoll fl-ispjega ta’ ghaliex il-hsara [fil-] karozza saret fejn saret.”*

L-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u li tisma’ lix-xhieda. Kellha ghalhekk l-opportunita` li tqis l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, u b’mod partikolari ta’ l-appellant stess, kif ukoll li tikkunsidra jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u c-cirkostanzi kollha tal-kaz (artikolu 637 tal-Kap. 9). U minn dak li din il-Qorti rat mill-atti, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet, cioe` li l-hsara fil-vettura ta’ Clyde Muscat giet kagunata proprju mill-appellant. Fejn din il-Qorti ma taqbilx huwa li dan sar b’mod volontarju. Din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li fic-cirkostanzi kif rizultanti l-hsara grat b’mod ghal kollox involontarju. M’hemm xejn x’jindika li l-vettura ta’ Clyde Muscat kienet fil-mira ta’ l-appellant u li l-hsara grat b’mod ghal kollox incidentali meta hareg mill-vettura tieghu biex jiggieled ma’ Muscat.

Ghalhekk ir-raba’ aggravju qieghed jigi parzjalment milqugh.

Kwantu ghall-hames aggravju, din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi prodotti, issib li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi li dak li ghamel l-appellant huwa skuzabbli minhabba provokazzjoni minn delitt, ta’ kull xorta li jkun, kontra l-persuna. Dan ma jfissirx li ma kellux jigi misjub hati tat-tielet imputazzjoni (ksur tal-bon ordni) li hija kontravvenzjoni peress illi, kif inhu risaput, fil-kontravvenzjonijiet hi bizzejjed il-volontarjeta`.

Konsegwentement il-hames aggravju huwa michud.

Is-sitt aggravju jirrigwarda l-piena. In vista ta' dak li ntqal f'din is-sentenza m'hemm l-ebda dubju illi l-parametri tal-piena jonqsu. F'dan il-kaz, in vista ta' l-assorbiment taz-zewg imputazzjonijiet l-ohra fl-ewwel imputazzjoni, il-piena hi ta' zewg terzi tal-piena ta' prigunerija ta' minn tliet xhur sa tliet snin, cioe` l-piena applikabbli hi ta' prigunerija minn xahrejn sa sentejn. Il-piena applikata mill-ewwel Qorti xorta taqa' f'dawn il-parametri izda l-piena ghandha tirrispekkja l-osservazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti dwar il-htija ta' l-appellant, il-fatt li l-marki fuq wicc Clyde Muscat huma minimi, il-fatt li kien hemm provokazzjoni da parti ta' l-istess Clyde Muscat b'delitt fuq il-persuna, u l-fatt li l-fedina penali ta' l-appellant hi kompletament netta. Mhuwiex il-kaz ghalhekk li f'dan il-kaz ikun hemm piena ta' prigunerija effettiva. Fl-istess hin Clyde Muscat ghandu jigi kkumpensat tal-hsara fuq il-vettura tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ddikjarat biss li kienet qed issib lill-appellant hati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti bl-assorbiment tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet fl-ewwel imputazzjoni u in kwantu sabitu hati bil-kwalifika taht l-artikolu 217 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u minflok issibu hati talli (1) gewwa Bormla fid-19 ta' Dicembru 2004 ghall-habta tas-2.30 p.m. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Clyde Muscat minn Bormla f'periklu car hebb ghall-istess Clyde Muscat u kkagunalu griehi ta' natura gravi, izda skuzabbli ghax ipprovokat minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna; (2) fl-istess cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni ghamel hsara fuq vettura Toyota Corolla KBE 943 ghad-detriment ta' Clyde Muscat; (3) fl-istess cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied, u b'dan illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni; tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal tmien xhur u minflok tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' erba' xhur liema sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tnax-il xahar millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Inoltre, a tenur ta' l-artikolu 28H tal-

Kap. 9, tordna lill-imsemmi David Grech ihallas lil Clyde Muscat is-somma ta’ 206.15 euro (ekwivalenti ghal Lm88.50) rapprezentanti l-hsara fuq il-vettura ta’ l-imsemmi Clyde Muscat, u dan fi zmien xahrejn millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------